**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 12/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Nigel John Abela**
**(ID 518185 (M))**

**Illum: 28 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Nigel John Abela** ta' 38 sena, iben John Anthony u Phyllis nee` Spiteri, imwieled Akrotiri, Ċipru, nhar l-4 ta' Awwissu 1971, residenti 82, Triq il-Kbira, Dingli, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 518185 (M);

Akkużat talli nhar it-28 ta` Settembru 2009, u fit-tmien xhur ta' qabel din id-data, ġewwa r-residenza tiegħu f'Ħad-Dingli u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar is-28 ta` Settembru 2009, u fix-xhur ta' qabel din id-data, ġewwa Triq Durumblat, Mosta, ġewwa r-residenza tiegħu 82, Triq il-Kbira, Dingli, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2) Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma, u/jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-istess Att;

U aktar talli fl-istess perjodu ta' żmien:

3) Wara li akkwista jew ġew f'idejh xi armi tan-nar jew munizzjoni xort'oħra milli għax kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarja tal-Pulizija, naqas milli minnufih javża lill-Kummissarju;

U aktar talli fl-istess perjodu ta' żmien:

4) Xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti;

U aktar talli fit-28 ta' Settembru 2009, wara ntervent u tfittxija li saret minn uffiċjali tal-pulizija fir-residenza fuq imsemmija, instab li f'dik il-ġurnata:

5) Xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew depożitati għandu u/jew taħt il-kontroll tiegħu, arma tan-nar *Pump Action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi kalibru .22 bin-numru tas-serje G74849, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu projbit u/jew ristrett u li għandu valur ta' €100.00, u Dazju dovut ta' €3.20, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li tammonta għal €18.58, liema dazju u taxxa ma kienux ġew imħallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XXIII tal-1998);

U aktar talli fit-28 ta' Settembru 2009, wara ntervent u tfittxija li saret mill-uffiċjali tal-pulizija fir-residenza fuq imsemmija, instab li f'dik il-ġurnata:

6) Xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew depożitati għandu u/jew taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar *Pump Action Long Rifle* tal-marka Amadeo

Rossi kalibru .22 bin-numru tas-serje G74849, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu huwa projbit u/jew ristrett u li għandu valur ta' €100.00, dazju dovut ta' €3.20, u dan bi ksur tal-Artikoli 60 (b), (k) u 62 (a), (f), (g), (h), (i), (k), u paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 2011;

Rat illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana[2];

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kummissarju tal-VAT[3];

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013, mingħajr ebda ammissjoni ta' ħtija, l-imputat iddikjara illi ma kellu l-ebda oġġezzjoni illi l-arma tat-tip Garand bin-numru tas-serje 755154 tiġi ritornata lura lil sidha John Cuschieri[4];

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[5];

Rat illi fis-seduta tas-20 ta' Novembru 2017 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

---

[1] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[2] Dok. KA 7, a fol. 21 tal-proċess.
[3] Dok. KA 8 a fol. 22 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 23 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 45 tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Keith Arnaud** jixhed illi l-investigazzjoni fil-konfront tal-imputat bdiet wara informazzjoni kunfidenzjali li huwa rċieva u dan fis-sens illi l-imputat kien qiegħed jipprova jbiegħ xi armi li kellu fil-pussess tiegħu. Għalhekk ix-xhud ċempel lill-imputat fuq il-*mobile phone* tiegħu sabiex jara jekk dan verament kellux xi armi għall-bejgħ, għal-liema l-imputat wieġeb fl-affermattiv u għalhekk ftehmu li jiltaqgħu Ta' Qali. Għall-ħabta tal-4.00 p.m. nhar it-28 ta' Settembu 2009, ix-xhud u l-imputat iltaqgħu kważi ħdejn iċ-ċimetrju tal-Mosta. Jgħid illi huwa mar fuq l-imputat u identifika ruħu bħala pulizija u saret tfittixija fil-vettura tal-istess imputat tal-marka KIA Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni BHX 842. Fil-bagoll tal-karozza nstab *rifle* tat-tip Garand M1, bin-numru tas-serje 755154 li kien ġo *camouflage pocket.* Ix-xhud ikompli jgħid illi rriżulta illi din l-arma kienet ġiet irraportata misruqa minn ġewwa residenza fil-Ħamrun fit-22 ta' Lulju 2007 għad-dannu ta' sid l-istess arma, ċertu John Cuschieri. Fl-istess serqa kienu ttieħdu b'kollox ħdax il-arma. Sussegwentement, flimkien ma' PS 235 u PC 9, ix-xhud wettaq ukoll tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat fil-fond 80, Triq il-Kbira, Ħad-Dingli, u hemmhekk, fuq is-sodda fil-kamra tal-imputat, instabet arma oħra, *rifle* tat-tip *pump action* tad-ditta Amadeo Rossi bin-numru tas-serje G74849. Irriżulta illi din l-arma qatt ma kienet irreġistrata mal-Pulizija. Fil-kamra tas-sodda tal-imputat, instabu wkoll diversi boroż ta' siringi użati, u wara t-televixin, bott tal-ħalib tat-trabi li fih kien hemm ħames pakketti b'sustanza bajda suspettata kokajina.[6] L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar id-29 ta' Settembru 2009.[7]

   **In kontro-eżami** l-Ispettur Arnaud ikkonferma illi l-imputat dejjem ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija.[8]

---

[6] Dawn ġew esebiti mix-xhud bħala Dok. KA1. Ix-xhud esebixxa wkoll l-arma *rifle* Garand M1 bħala Dok. KA2, l-arma *rifle* Amadeo Rossi bħala Dok. KA3, riċevuta fir-rigward taż-żewġ *rifles* li l-pulizija elevat mill-pussess tal-imputat bħala Dok. KA4 (ara a fol. 14 tal-proċess) u rapport tal-Pulizija dwar is-serqa ġewwa l-fond 216, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, liema serqa kienet tinkludi l-arma *rifle* Garand MI bħala Dok. KA4 (ara a fol. 15 sa 17 tal-proċess).

[7] Din tinsab esebita a fol. 18 sa 20 tal-proċess bħala Dok. KA6. L-Ispettur Arnaud esebixxa wkoll il-*Letter to Prosecute* min-naħa tal-Kontrollur tad-Dwana bħala Dok. KA7 (a fol. 21 tal-proċess) u l-*Letter to Prosecute* min-naħa tal-Kummissarju tal-VAT bħala Dok. KA8 (a fol. 22 tal-proċess) u dan fir-rigward tal-armi.

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 10 sa 13 tal-proċess.

2. **Martin Debattista**, Uffiċjal tad-Dwana ġie muri '*Letter to Prosecute*' immarkata Dok. KA7, li fuqha għaraf il-firma tal-Kontrollur tad-Dwana. In oltre huwa esebixxa Nota ta' Qbid[9] fil-konfront tal-imputat li fuqha wkoll għaraf il-firma tal-Kontrollur tad-Dwana.[10]

3. **John Cuschieri** ikkonferma illi fit-22 ta' Lulju 2007, huwa kien irrapporta serqa mill-indirizz tar-residenza tiegħu ġewwa 216, Triq il-Kbira, San Ġużepp, Ħamrun. Huwa jgħid illi b'kollox kienu nsterqulu tnax-il arma ossia ħdax-il *rifle* u *machine gun* Ġermaniż, liema armi kienu lkoll reġistrati fuq ismu. Muri l-armi esebiti bħala Dok. KA2 u KA3, huwa kkonferma illi l-arma tat-tip Garand M1 bin-numru ta' reġistrazzjoni 755154 kienet tiegħu u illi din kienet waħda mill-armi li nsterqulu, kif ukoll illi din kienet reġistrata fuq ismu. Jgħid ukoll illi huwa kien xtara din l-arma bil-prezz ta' madwar tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ċirka tmintax (18)-il sena qabel.[11]

4. **PS 1225 Mario Fenech** xehed illi minn verifiki illi għamel mal-*Weapons Registration System* irriżulta illi l-imputat m'għandux liċenzja ta' armi fuq ismu. F'dan is-sens huwa esebixxa Dok. MF.[12]

   L-istess **PS 1225 Mario Fenech** xehed ukoll f'seduta sussegwenti illi l-arma *rifle* bin-numru tas-serje 755154 tirriżulta reġistrata f'isem John Cuschieri (ID 398658(M)). Il-marka tal-arma ma tirriżultax mir-*records* tal-Pulizija.[13]

5. **PS 201 Sandro Magro** xehed illi fit-22 ta' Lulju 2007 kien irċieva rapport dwar serqa ġewwa 216, Triq il-Kbira, San Ġużepp, Ħamrun, liema rapport sar minn John Cuschieri, li kien provdieh b'lista tal-oġġetti kollha misruqa. Huwa kkonferma li r-rapport tal-Pulizija esebit bħala Dok. KA5 kien irrediġih huwa stess. Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa kien mar fuq il-post fejn kien jidher li parti mill-injam tal-bieb tar-residenza kien ġie sgassat.[14]

6. **PS 435 David D'Amato** xehed illi fit-28 ta' Settembru 2009 kien assista lill-Ispettur Arnaud fuq investigazzjoni dwar serqa ta' armi minn ġewwa residenza fil-Ħamrun, liema serqa kienet seħħet fit-22 ta' Lulju 2007. Fil-kors tal-investigazzjoni, l-Ispettur Arnaud kien irċieva informazzjoni illi waħda mill-armi misruqa setgħet kienet fil-pussess tal-imputat. L-Ispettur

[9] Dok. MD, a fol. 26 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 24 u 25 tal-proċess.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 27 sa 30 tal-proċess.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 46 u 47 tal-proċess u d-dokument minnu esebit a fol. 48 tal-proċess.
[13] A fol. 67 u 69 tal-proċess. Ix-xhud ippreżenta lista tal-armi reġistrati f'isem John Cuschieri (a fol. 70 u 71) u dokument dwar ir-riċerka li għamel fuq l-imputat (a fol. 72).
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 50 sa 52 tal-proċess.

ftiehem mal-imputat sabiex jiltaqgħu. Wara li l-Ispettur iltaqa' mal-imputat, saret tfittxija fil-karozza fejn instab *rifle*. Saret ukoll tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat ossia fil-fond 80, Triq il-Kbira, Dingli, fejn fil-kamra tas-sodda nstabu *rifle* u bott b'ħames pakketti bi trab abjad kontenenti droga. Waqt l-istess tfittxija, kienu preżenti l-imputat u PC 9.[15]

7. **Omar Psaila** xehed illi huwa kellu żewġ armi ossia żewġ *rifles* li kien għaddihom lill-imputat sabiex iżommhomlu. L-armi kien għaddiehom lill-imputat madwar erba' jew ħames snin qabel.[16] Huwa jgħid illi l-armi kien għaddihom lill-imputat għaliex darba ħareġ mid-dar tiegħu, fit-triq ra diversi karozzi tal-Pulizija u ħaseb li kienu marru għalih minħabba l-armi. Għalhekk ħareġ l-istess armi mid-dar tiegħu u tahom lill-imputat, għalkemm wara sar jaf illi l-Pulizija kienu marru fit-triq tiegħu in konnessjoni ma' terzi persuni. Lill-imputat kien jafu bħala klijent li kien jinqeda mill-ħanut fejn kien jaħdem hu, jbiegħ il-*mobiles*. Huwa talab lill-imputat jagħmillu pjaċir iżommhomlu u dan aċċetta. Mistoqsi jekk lill-imputat kienx qallu bir-raġuni għal dan, huwa jwieġeb fl-affermattiv, iżda wara mistoqsi jekk kienx qallu illi beża' illi l-Pulizija kienu ser jagħmlulu tfittxija, huwa jgħid li nesa x'kien qallu. Ma sar ebda diskors bejn Psaila u l-imputat dwar liċenzji għaż-żamma tal-armi u la jaf jekk l-imputat kellux liċenzja biex iżomm l-armi u lanqas jekk l-imputat kienx staqsih jekk hu kellux liċenzja u għalfejn kien qed jagħtihom lilu. Psaila jgħid illi kienu diversi d-drabi li talab lill-imputat sabiex jirritornalu l-armi, biss bi skuża jew oħra l-armi baqgħu ma ġewx ritornati lilu. Fil-fatt l-imputat qatt ma tahomlu lura u eventwalment kienu avviċinawh il-Pulizija. L-armi damu għand l-imputat bejn sitt u tmien xhur, għalkemm ix-xhud ma kienx ċert dwar dan għaliex għadda ż-żmien. Psaila kkonferma illi dawn l-armi kienu ġew f'idejh wara li hu kien xtrahom personalment fi kliemu "*b'mod hazin*"[17], iżda ma dehrlux illi lill-imputat kien qallu b'dan. Mistoqsi jekk l-imputat kienx staqsih xi ħaġa dwarhom, huwa wieġeb illi lill-imputat kien talbu biss sabiex jagħmillu pjaċir u jżommhomlu u ma jiftakarx jekk l-imputat kienx staqsih ir-raġuni għal dan. Kien hu stess illi mar bl-armi id-dar tal-imputat ġewwa l-Baħrija. Mingħalih it-tnejn kienu f'*pouch* wieħed.[18]

8. **Ex PS 9 Christopher Abela** xehed illi fil-kors ta' investigazzjoni dwar serqa ta' armi l-Ispettur Arnaud irċieva informazzjoni dwar fejn setgħu jinstabu xi armi minn dawk rapportati misruqa. Fit-28 ta' Settembru 2009, bejn it-3.00 p.m u l-4.00 p.m, l-Ispettur Arnaud, PS 435 David Damato u

[15] Ara din ix-xhieda a fol. 53 sa 55 tal-proċess.
[16] Omar Psaila xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2015.
[17] Ara a fol. 63 tal-proċess.
[18] Ara din ix-xhieda a fol. 56 sa 65 tal-proċess.

hu kienu marru Ta' Qali, Triq Duramblat viċin it-*tracks* tal-Go Carts u l-Ispettur Arnaud kien resaq lejn karozza li huwa kellu informazzjoni dwarha. L-Ispettur kien sejħilhom mill-ewwel u hemmhekk kien hemm l-imputat, li kellu żewġ armi fil-bagoll. Ix-xhud jgħid ukoll illi sussegwentement l-Ispettur Arnaud u PS 435 marru jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-imputat, iżda huwa ma kienx preżenti.[19]

9. Mir-relazzjoni esebita mix-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur f'dawn il-proċeduri bħala espert fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014[20], sabiex janalizza s-sustanza esebita in atti bħala Dok. KA1, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat S/B/327/2013, bil-kliem "*5 pkts of white powder (cocaine) seized from 80, Main Street, Dingli, from Nigel John Abela's bedroom on 28-09-09 @ 16:30hrs*", li fih 5 qratas tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn safrani.

   Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda s-segwenti:

   > "**Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn safrani nstabet is-sustanza *Kokaina*. Il-piż tat-trab kien ta' 2.76 grammi u l-purita kienet ta' ċirka 25%**."[21]

Illi da parti tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. Nota tal-imputat li permezz tagħha esebixxa tliet dokumenti ossia ittri mibgħuta lid-Direttur Ġenerali, Dwana u lid-Direttur Ġenerali, Taxxa fuq il-Valur Miżjud, flimkien ma' kopja fotostatika ta' żewġ *cheques* mibgħuta lid-dipartimenti msemmija sabiex jiġu saldati l-ammonti dovuti mill-istess imputat.[22] Iċ-*cheque* maħruġ fuq id-Direttur Ġenerali, Dwana huwa fl-ammont ta' tliet ewro u għoxrin ċenteżmu (€3.20), fil-waqt illi ċ-*cheque* maħruġ fuq id-Dipartiment tal-VAT huwa fl-ammont ta' tmintax-il ewro, tmienja u ħamsin ċenteżmu (€18.58).

2. L-imputat esebixxa dokument immarkat bħala Dok. NJA, konsistenti f'riċevuta fis-somma ta' erbgħa u erbgħin ewro (€44) maħruġa mid-Dipartiment tad-Dwana u dan dwar "*Out of Court Settlement dated 13/3/17*"[23] u dokument ieħor iffirmat minn Christopher Galea għad-Direttur Ġenerali – Dwana, intitolat "*ĦLAS B'KONNESSJONI MA' FTEHIM MINFLOK PROĊEDIMENTI FIL-QORTI*", mil-liema jirriżulta illi l-imputat odjern ħallas is-somma ta' erbgħa u erbgħin ewro (€44),

[19] Ara din ix-xhieda a fol. 73 sa 75 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 45 tal-proċess.
[21] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 81 *et seq* tal-proċess.
[22] Ara a fol. 99 sa 102 tal-proċess.
[23] Ara a fol. 103A tal-proċess.

rappreżentanti dazju ta' importazzjoni (€3), VAT (€19) u multa skont l-Artikolu 63 tal-Kap. 37 (€22) u dan "*minflok il-proċedimenti kriminali fil-Qorti fil-konfront tiegħi u dan b'referenza għall-każ li seħħ fit-28 ta' Settembru 2009*".[24]

3. **Martin Debattista** ikkonferma l-kontenut tad-dokument immarkat Dok. NJA u illi da parti tad-Dwana kien hemm *administrative settlement* fil-konfront tal-istess imputat.[25]

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fid-29 ta' Settembru 2009 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet

[24] Ara a fol. 103B tal-proċess.
[25] Ara a fol. 104 u 105 tal-proċess.

rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Claire Farrugia**</u>, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad Masoud**</u> tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Sandro Spiteri**</u> tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> "(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
>
> (a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u

sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-

attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.

...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ ieħor deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk

qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> "10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, **<u>illi ma jkunx għaqli</u>** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **<u>illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija</u>** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Huwa evidenti wkoll, illi bħal fil-każ ta' **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, fuq ċitat, f'dan il-każ in-nuqqas li l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.

Irid jingħad ukoll illi riċentement fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament. [sottolinear ta' din il-Qorti]
>
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:
>
> > *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*
>
> 28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.
>
> 29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-

posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019). [sottolinear ta' din il-Qorti]

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

**Ikkunsidrat ukoll:**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat bil-pussess tad-droga kokaina u dan b'referenza għat-28 ta' Settembru 2009 u t-tmien xhur ta' qabel din id-data. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat kienet kokaina, f'piż ta' 2.76 grammi u b'purita` ta' ċirka 25%. L-imputat irreġistra ammissjoni għal din l-imputazzjoni u għaldaqstant, kemm fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll a bażi tal-ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk:

"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta'dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att."

Mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta illi nhar it-28 ta' Settembru 2009, l-imputat kien qed iġorr fil-bagoll tal-karozza li kien qed isuq dakinhar, arma tat-tip Garand M1 bin-numru *numru tas-serje* 755154. In oltre, waqt tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu f'Ħad-Dingli, instabet arma oħra tat-tip *pump action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi, kalibru .22, bin-numru tas-serje G74849.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PS 1225 Mario Fenech, illi l-imputat ma kellu l-ebda liċenzja dwar armi tan-nar.

In oltre mix-xhieda ta' Omar Psaila, jirriżulta wkoll illi kien hu illi għadda dawn l-armi lill-imputat u li dawn kienu ilhom għand l-istess imputat bejn sitt jew tmien xhur, għalkemm ma kienx ċert eżattament minn dan, għaliex kien għadda ż-żmien. Biss fil-fehma tal-Qorti, minn din ix-xhieda, huwa evidenti illi l-istess armi ma kinux ilhom ġurnata jew tnejn għand l-imputat, iżda għal numru ta' xhur.

Il-Qorti tirrileva illi sabiex tinstab ħtija taħt l-artikolu tal-liġi li bih l-imputat jinsab mixli permezz ta' din l-imputazzjoni, jeħtieġ li jirriżulta wkoll illi l-arma tan-nar in kwistjoni hija waħda minn dawk elenkati fit-Tieni Skeda tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u illi allura tkun teħtieġ liċenzja taħt l-Att. Taħt l-Ewwel Skeda, l-istess Kapitolu jelenka wkoll dawk l-armi u l-munizzjon illi huma projbiti u illi għalhekk ma tistax tinħareġ liċenzja fil-konfront tagħhom, ħlief fiċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 4 tal-istess Kapitolu, b'dan għalhekk illi l-artikolu applikabbli għalihom mhuwiex l-Artikolu 5 fuq ċitat. Fil-waqt illi huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti illi la darba l-arma *rifle* tat-tip Garand M1, bin-numru tas-serje 755154 kienet liċenzjata f'isem John Cuschieri, li mingħandu sfat misruqa fis-sena 2007, din allura kienet tip ta' arma li taqa' taħt it-Tieni Skeda tal-Kap. 480, madankollu mhux l-istess jista' jingħad dwar it-tieni arma tat-tip *pump action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi, bin-numru tas-serje G74849. La darba l-Qorti ma ġietx mitluba taħtar espert sabiex jiddetermina l-klassifikazzjoni ta' din l-arma u l-Qorti ċertament m'għandhiex kompetenza sabiex tiddetermina dan, ma tistax per eżempju tassumi illi din l-arma mhijiex waħda minn dawk indikati fil-paragrafu 15(b) tal-Ewwel Skeda, jew tassumi minflok illi tali arma taqa' taħt it-Tieni Skeda.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan, il-Qorti jidhrilha illi in kwantu din l-imputazzjoni, tista' ssib ħtija biss fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-arma *rifle* tat-tip Garand M1, bin-numru tas-serje 755154 u dan kemm b'referenza għat-28 ta' Settembru 2009, kif ukoll għax-xhur ta' qabel din id-data.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli akkwista jew kellu f'idejh armi tan-nar xort'oħra milli għaliex kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, u naqas milli jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan.

Ai termini tal-**Artikolu 41 tal-Kap. 480** tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Kull min jakkwista jew jiġu f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort'oħra milli għax ikollu liċenzja, għandu minnufih javża lill-Kummissarju, li għandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu fil-kustodja tal-Pulizija jew għand min ikun qed jirrapporta l-każ."

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi Omar Psaila ikkonferma illi kien hu stess illi għadda ż-żewġ armi tan-nar in kwistjoni lill-imputat. Anki jekk l-imputat jidher illi laqa' għandu l-istess armi b'mod temporanju, bil-ftehim illi jżommhom sakemm Psaila jitlobhom lura, jibqa' l-fatt illi fil-mument li huwa laqa' għandu dawn l-armi u tul il-perjodu li żammhom, huwa qatt ma kellu liċenzja dwarhom u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' PS 1225 Mario Fenech, li kkonferma li l-imputat m'għandux liċenzja għaż-żamma ta' armi tan-nar. Għalhekk, huwa kellu javża lill-Kummissarju tal-Pulizija li ġew f'idejh dawn l-armi, ħaġa li evidentement m'għamilx, tant illi l-Ispettur Arnaud sar jaf illi l-imputat possibiliment kellu xi armi għall-bejgħ tramite informazzjoni anonima, liema informazzjoni huwa proċeda sabiex jivverifikaha billi ltaqa' mal-imputat, kif ingħad iżjed 'il fuq.

Illi l-**Artikolu 51(8) tal-Kap. 480** tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Kull min jikser xi dispożizzjoni tat-Taqsima IX ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien."

La darba r-reat taħt l-Artikolu 41 jinsab proprju taħt it-Taqsima IX ta' dan l-Att, ifisser illi l-piena applikabbli hija dik indikata fl-Artikolu 51(8) appena ċitat, li jfisser ukoll illi l-azzjoni hija preskritta bl-għeluq ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali. La darba l-imputazzjoni odjerna tirreferi għat-28 ta' Settembru 2009 (u x-xhur ta' qabel din id-data) u la darba l-imputat ġie notifikat għall-ewwel darba bil-każ odjern fis-26 ta' Settembru 2012 u għalhekk kważi tliet snin wara li seħħ il-każ, u l-ewwel dehra tal-imputat kienet

fis-seduta tal-5 ta' Frar 2013, il-Qorti qed tqis l-azzjoni dwar ir-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni bħala preskritta.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

Permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' riċetazzjoni. **L-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid hekk:

> "Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> (a) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa;
>
> (b) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi, bil-piena li hemm għal min hekk jakkwista jew iżomm;
>
> (ċ) jekk tkun ġejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaġa tkun ġejja"

Mill-provi jirriżulta illi f'Lulju 2007, minn ġewwa residenza fil-Ħamrun insterqu għadd ta' armi tan-nar, fosthom *rifle* tat-tip Garand M1 li nstabet fil-pussess tal-imputat odjern. Mix-xhieda ta' John Cuschieri jirriżulta illi din l-arma kienet tiegħu u illi kienet waħda mill-armi li nsterqu mir-residenza tiegħu fiż-żmien imsemmi. Mix-xhieda ta' PS 1225 Mario Fenech, imbagħad irriżulta illi din l-arma kienet reġistrata fuq isem John Cuschieri, li kellu l-liċenzja għaż-żamma tal-istess arma. Kwantu għall-arma l-oħra tat-tip *pump action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi bin-numru tas-serje G74849, irriżulta illi din qatt ma kienet reġistrata mal-Pulizija.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi Omar Psaila kkonferma illi l-armi mertu ta' dawn il-proċeduri kienu tiegħu u illi huwa kien akkwistahom b'mod illegali, jew fi kliemu "*b'mod hazin*". Huwa jgħid illi kien għadda dawn l-armi lill-imputat sabiex iżommhomlu bi pjaċir u l-imputat aċċetta li jagħmel dan, iżda ma ftakarx il-kliem li kien intqal minnu lill-imputat f'dan il-kuntest u lanqas jekk kienx qal lill-imputat li kien qed jibża' illi l-Pulizija jagħmlulu tfittxija. Skont Psaila, ma sar ebda diskors bejnu u l-imputat dwar liċenzji għaż-żamma tal-armi u lanqas jaf jekk l-imputat kienx staqsih jekk hu kellux liċenzja u għalfejn kien qed jagħtihom lilu biex iżommhom. Biss ma dehrlux illi lill-imputat kien qallu illi huwa kien akkwistahom b'mod illegali. Mistoqsi jekk l-imputat kienx staqsih xi ħaġa dwarhom, huwa wieġeb illi lill-imputat kien talbu biss sabiex jagħmillu

pjaċir u jżommhomlu u ma jiftakarx jekk l-imputat kienx staqsih ir-raġuni għal dan.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charlot Falzon** tal-15 ta' Ġunju 2020, li fiha dik il-Qorti ċċitat ġurisprudenza varja dwar dan ir-reat:

> "…isir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Darren Debono**:[26]
>
> Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':
>
> 1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
> 2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w
> 3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])
>
> L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett ta-rricettazzjoni.
>
> Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li:-
>
> "*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*
>
> Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998])

[26] Qorti tal-Appell Kriminali Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 15 ta' Jannar, 2009; Appell Kriminali Nru.245/2008

S'intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn)

Kif jghid il-KENNY:

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."** [26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold**:

Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***Cross on Evidence****, 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone*

> *else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*
>
> *"Every case depends on its own facts. ...It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* (ara ukoll f' dan is-sens:**"Il-Pulizija vs. Carmel Debono"** [1.11.1996], **"Il-Pulizija vs. Richard Spiteri "** [31.8.2006] u ohrajn).

Fil-każ in eżami jirriżulta ċar illi l-imputat laqa' għandu żewġ armi mingħand Omar Psaila – waħda li qatt ma ġiet reġistrata mal-Pulizija u allura m'hemmx informazzjoni dwar minn fejn ġiet, u oħra li rriżultat misruqa fis-sena 2007, ossia sentejn qabel ma ġiet fil-pussess tal-imputat.

Dwar l-ewwel arma ossia dik tat-tip *pump action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi bin-numru tas-serje G74849, kif ingħad, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Omar Psaila jgħid, kif jgħid ukoll fir-rigward tal-arma l-oħra, illi din ġiet akkwistata minnu b'mod ħażin. Waqt din ix-xhieda madankollu, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma staqsitx lil Psaila kif kien akkwista dawn l-armi u x'kien qed ifisser b'dawn il-kliem. Għalhekk in kwantu l-arma tal-marka Amadeo Rossi, minkejja li jirriżulta minn kliem Psaila illi huwa kien akkwista din l-arma b'mod illegali, madankollu, baqgħet ma rriżultatx il-provenjenza illeġittima tagħha ossia jekk din kinitx insterqet, jekk inkisbitx b'qerq jew inkella b'liema reat ġiet akkwistata, bir-riżultat illi fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reat ta' riċettazzjoni.

Mill-banda l-oħra, fil-fehma tal-Qorti, jirriżultaw fil-grad li trid il-liġi, l-elementi rikjesti għar-reat ta' riċettazzjoni fir-rigward tal-arma tat-tip Garand M1. M'hemmx dubju fl-ewwel lok illi din l-arma kienet misruqa u fit-tieni lok, illi l-imputat kien laqa' għandu din l-arma mingħand Omar Psaila, li da parti tiegħu akkwistaha illegalment.

In kwantu għax-xjenza li trid il-liġi fl-imputat sabiex jissussisti r-reat ta' riċettazzjoni, il-Qorti tqis illi għalkemm ma tirriżultax il-prova li l-imputat kien jaf illi l-arma in kwistjoni kienet misruqa, in-natura tal-oġġett li huwa ġie mitlub sabiex iżomm għandu mingħand Psaila, kienet tali illi evidentement tqajjem suspett, kif kellu jqajjem ukoll suspett fl-imputat il-fatt illi Psaila fittex li jneħħi

l-istess armi minn daru u jgħaddihom lilu. Kif ingħad iżjed 'il fuq, "*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni*". Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk l-elementi kollha li trid il-liġi għal dan ir-reat jissussistu, in kwantu l-arma Garand MI.

Madankollu in kwantu f'dan il-każ, il-proċedura kienet waħda sommarja *ab initio*, dan ifisser illi r-reat ma setax ikun tali illi jeċċedi s-sitt xhur priġunerija u għaldaqstant, bħal fil-każ tal-imputazzjoni preċedenti, l-azzjoni għal dan ir-reat hija wkoll preskrivibbli bl-għeluq ta' sentejn.

Għaldaqstant, għall-istess raġunijiet indikati fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar it-tielet imputazzjoni, anke l-azzjoni dwar ir-reat ikkontemplat fir-raba' imputazzjoni hija preskritta.

<u>**Il-Ħames u s-Sitt imputazzjonijiet**</u>

Permezz ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkużat talli xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew depożitata għandu u/jew taħt il-kontroll tiegħu, arma tan-nar *pump action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi, li l-importazzjoni u l-pussess tagħha huwa projbit u/jew ristrett u li fir-rigward tagħha, l-imputat ma kienx ħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud bi ksur tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u d-dazju dovut, bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana.

Jirriżulta illi pendenti l-proċeduri, l-imputat ħallas kemm l-ammont ta' €18.58 rappreżentanti ħlas ta' VAT[27], kif ukoll id-dazju fuq l-importazzjoni ta' €3.00 u multa ai termini tal-Kap. 37 fis-somma ta' €22, b'kollox għalhekk total ta' €44. Da parti tiegħu, ix-xhud Martin Debattista in rappreżentanza tad-Dwana, ikkonferma dan, kif ukoll illi kien hemm għalhekk *administrative settlement,* liema fatt jirriżulta wkoll mill-kliem f'Dok. NJA fis-sens illi l-ħlas kien qed isir "*minflok il-proċedimenti kriminali fil-Qorti*" fil-konfront tal-imputat.

Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, inkluż l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat, kif ukoll illi minkejja li huwa ammetta biss għall-ewwel imputazzjoni f'dawn il-proċeduri

[27] Fil-fatt in kwantu VAT, huwa ħallas €19 (ara a fol. 103B tal-proċess).

u minkejja wkoll illi din l-ammissjoni lanqas ma jista' jingħad li kienet waħda bikrija, huwa kkopera bis-sħiħ mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha.

Qieset ukoll illi fiż-żmien tal-każ odjern, il-fedina penali tal-imputat kienet waħda netta.

Ikkunsidrat ukoll għall-fini tat-tieni imputazzjoniji illi qed tinstab ħtija fl-imputat in kwantu biss l-arma tat-tip Garand M1.

In oltre ikkunsidrat illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2009 u illi għalkemm kien hemm seduta li fiha l-imputat ma dherx minkejja li kien notifikat u tliet seduti li fihom id-difiża talbet differiment, altrimenti l-imputat dejjem deher u kienet il-Prosekuzzjoni li fil-maġġor parti tawlet il-proċeduri b'talbiet għal differiment, apparti l-fatt illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata f'Jannar 2011 u għalhekk iżjed minn sena wara li seħħ il-każ u l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għall-ewwel darba f'Settembru 2012.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 5(1), 51(2) u 61 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 17 u 688(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiddikjara l-azzjoni dwar ir-reati ikkontemplati fit-tielet u fir-raba' imputazzjonijiet bħala preskritta u għaldaqstant qed tillibera lill-imputat **Nigel John Abela** minn kull ħtija u piena dwar l-istess, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal żmien sentejn mil-lum u multa ta' sitt mitt ewro (€600).

Għar-raġunijiet fuq indikati, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkometti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn u tmintax-il ewro u tletin ċenteżmu (€218.30), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. KA1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tal-arma tan-nar tat-tip *pump action Long Rifle* tal-marka Amadeo Rossi bin-numru tas-serje G74849 esebita bħala Dok. KA3, favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat